# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA
# ONOR IMHALLEF ANNA FELICE

**Illum 16 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 135/2019 AF**

**Saviour Mifsud kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' ohtu imsiefra Josephine Falzon**

**vs**

**Charmaine Mifsud**

**Jonathan Bellizzi**

**Tiziana Bellizzi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Saviour Mifsud kemm f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' ohtu imsiefra Josephine Falzon, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Giorgio Mifsud, bin il-mejtin Giuseppe Mifsud u Giuseppa neé Pace, u li kellu l-karta tal-identità bin-numru 394630(M), miet fil-hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt li huwa markat bhala Dokument SM 1.

Giorgio Mifsud irregola s-successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Cauchi li sar fit-tlieta u ghoxrin ta' Marzu (23) tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument SM 2 u iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Josef Christian Masini Vento li sar fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) u li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument SM 3.

F'dawn it-testmenti l-imsemmi Giorgio Mifsud halla diversi legati lil bintu l-konvenuta Charmaine Mifsud. Imbaghad permezz tal-hames artiklu tat-testment li sar fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dok. SM 2), huwa innomina bhala eredi tieghu ta' gidu kollu prezenti u future lil uliedu Saviour (l-attur) in kwantu ghal kwart (¼), Josephine mart George Falzon (l-attrici) in kwantu ghal kwart (¼), Charmaine Mifsud in kwantu ghal kwart (¼) filwaqt li l-porzjon spettanti lil bintu l-ohra Miriam mart Joseph Bellizzi jinqasam bejn uliedha Jonathan u Tiziana (konvenuti) in kwantu ghal parti wahda minn tmienja (⅛) kull wiehed.

Matul hajtu Giorgio Mifsud, imgieghel minn bintu Charmaine Mifsud, iddispona minn gidu kollu a favur tal-istess Charmaine Mifsud fosthom billi permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004), li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dokument SM 4, illi permezz tieghu huwa ghadda b'donazzjoni lill-konvenut Charmaine Mifsud il-fond bl-isem "Graceland" fin - numru mija u hamsa u hamsin (155) fi Triq San Bartolomeo, Hal

Qormi, Malta.  Illi din id-donazzjoni saret biex jigu lezi d-drittijiet tal-atturi u li meta jigu biex jiehdu sehem taghhom mill-wirt ma jkun fadal xejn.

Oltre dan l-ahhar snin ta' hajjet Giorgio Mifsud l-istess konvenuta Charmaine Mifsud kellha prokura tieghu u permezz taghha gibdet jew uzat kull flus jew investimenti li kellu missierha b'dan illi ma halliet kwazi xejn u dan kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Allura fid-data tal-mewt tieghu Giorgio Mifsud ma kellu prattikament xejn stante li matul l-ahhar snin ta' hajtu l-konvenuta Charmaine Mifsud haditlu kollox u ghalhekk l-atturi ma kellhom l-ebda triq ohra ghajr illi jirrinunzjaw ghall-wirt skond il-Ligi u jitolbu li jiehdu s-sehem riservat lilhom skond il-ligi.

L-atturi interpellaw kemm il-darba lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tas-sehem riservat fosthom b'ittra ufficcjali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi Saviour Mifsud u Josephine Falzon ghandhom dritt ghas-sehem riservat mill-eredità ta' missierhom Giorgio Mifsud.

2. Tillikwida l-assi ereditarji ta' Giorgio Mifsud u dana billi tikkunsidra wkoll il-valur tal-fond 155, Triq San Bartilmew, Hal Qormi fid-data tal-mewt ta' Giorgio Mifsud kif ukoll il-flus li nghataw jew ittiehdu mill-konvenuta Charmaine Mifsud fl-ahhar snin ta' hajjet Giorgio Mifsud kif ukoll donazzjonijiet ohra li saru lill-konvenuti minn Giorgio Mifsud jew li anke ittiehdu minnhom minghajr ma kien jaf.

3. Per konsegwenza tghaddi biex tillikwida wkoll is-sehem riservat spettanti lill-atturi skond il-ligi, occorrendo permezz ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-sehem riservat lill-atturi hekk kif likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u bl-ingunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Jonathan u Tiziana aħwa Bellizzi li permezz tagħha eċċepew illi:

Qabel xejn, l-intimati ma humiex legittimi kontraditturi f'din il-kawza u dan ghas-semplici raguni li huma qatt ma accettaw il-wirt ta' Giorgio Mifsud. Fil-fatt huma irrinunzjaw ghal dan il-wirt ai termini tal-artikolu 860(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bla pregudizzju ghal dan, l-atturi iridu wkoll iressqu prova li huma irrinunzjaw ghal dan l-istess wirt.

Bla pregudizzju wkoll, l-istess intimati huma intitolati wkoll ghall-legittima mill-wirt tal-mejjet Giorgio Mifsud.

Din il-kawza hija intempestiva wkoll fil-konfront taghhom u ma ghandhom ibatu l-ispejjez stante li l-atturi kienu digà gew iddiffidati sabiex ma jittiehdu l-ebda proceduri fil-konfront taghhom u dan permezz ta' ittra ufficcjali bin-numru 3504/2018.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Charmaine Mifsud li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-attur Saviour Mifsud ghandu jaghti prova tad-debita prokura relattiva ta' Josephine Falzon.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti jigi eccepit illi l-intimata Charmaine Mifsud qatt ma oggezzjonat li l-atturi jithallsu s-sehem rizervat skond il-ligi salv li jigu verifikati l-konsistenza tal-assi tad-defunt Giorgio Mifsud, jigu kalkolati l-assi kollha appartenenti lil Giorgio Mifsud wara li jinqatghu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali (Art 620(2)) u salv li jinqatghu u jitnaqqsu dak kollu li l-atturi hadu minghand Giorgio Mifsud u li jkun suggett ghall-kollazzjoni (Art 620(4)).

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-esponenti intimata Charmaine Mifsud tirrileva wkoll li hija rrendiet servigi, kuri u assistenzi lid-defunt Giorgio Mifsud u konsegwentement il-kumpens dovut lilha ghal dawk is-servigi ghandu jitqies bhala kreditu kontra l-assi ereditarji tad-defunt Giorgio Mifsud u ghandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti l-fond 155, Triq San Bartilmew, Hal Qormi inghata lill-attrici b'titolu ta' donazzjoni fl-2004 u kien ezenti mill-kollazzjoni u konsegwentement m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fl-assi tad-defunt Giorgio Mifsud.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawn sussegwenti, f'kaz li l-hames (5) eccezjoni tigi michuda, il-valur tal-imsemmi fond ghandu jkun il-valur li nghata fid-donazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 648 tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux il-valur fid-data tal-mewt ta' Giorgio Mifsud.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, ir-rikors guramentat fih diversi allegazzjonijiet inveritieri kif ser jirrizultaw waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kaz.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, l-atturi ghandhom jipprovaw l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors guramentat.

Minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

B'rizerva ta; eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Jonathan u Tiziana aħwa Bellizzi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur f'ismu proprju u f'isem oħtu msiefra Josephine Falzon qiegħed jitlob l-assenjazzjoni favur tagħhom tas-sehem riservat dovut lilhom mill-wirt ta' missierhom Giorgio Mifsud. Mill-provi prodotti jirriżulta li Giorgio Mifsud miet fil-15 ta' April 2015. Permezz ta' testment tat-23 ta' Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi, Giorgio Mifsud innomina u istitwixxa bħala uniċi eredi tiegħu lill-uliedu l-atturi Saviour Mifsud u Josephine Falzon u lill-konvenuta Charmaine Mifsud kwantu għal kwart (¼) kull wieħed filwaqt illi r-rimanenti kwart (¼) spettanti lil bintu l-oħra Miriam Bellizzi kellu jinqasam bejn uliedha l-konvenuti Jonathan u Tiziana aħwa Bellizzi.

Din is-sentenza hija limita għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti aħwa Bellizzi li permezz tagħha eċċepew li huma mhumiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet attriċi peress illi qatt ma aċċettaw il-wirt ta' Giorgio Mifsud u fil-fatt huma rrinjunzjaw għall-wirt ai termini tal-artikolu 860(2) tal-Kapitolu 16.

Kif qalet proprju il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kaz ta' Michael Attard vs Grazia Meilak et, tal-14 ta' Diċembru 1959:

> *"Issa, hu magħruf li l-leġittimarji għandhom biss dritt għal kwota mill-beni tal-wirt, iżda ma humiex eredi (Kollez. XXX-I-363; XXXIII-I-472); u għalhekk huma ma jkomplux il-personalita` ġuridika tad-decujus; b'mod li l-presenza u l-kontestazzjoni tagħhom mhix neċessarja fil-kawżi rigwardanti d-decujus u l-patrimonju tiegħu; saħansitra, kif ġie ritenut, lanqas f'kawża ta' liċitazzjoni, li hija "modus divisionis" (Kollez XXIX-II-913). Del resto, il-liġi rriversat l-*

*obbligu tal-ħlas tad-dejn tad-decujus fuq l-eredi tiegħu (art. 980 tal-Kodiċi Ċivili). Dan ifisser li l-attur ma kellux bżonn iħarrek anke lil-leġittimarji, għaliex il-presenza tal-eredi fil-kawża kienet biżżejjed. Vera li huwa ħarrikhom għall-interess li jista' jkollhom; iżda b'dan huwa ma rrimettiex ruħu għall-ġudizzju tagħhom dwar dak l-interess, b'mod li huma kienu obbligati jibqgħu, kif baqgħu, fil-kawża sal-aħħar (Kollez. XV, 547; XXV-I-303; u App. Ċiv, 16.3.56 in re "Spiteri vs Spiteri"); u għalhekk hu biss għandu jbati l-ispejjeż tagħhom*."

Minkejja li l-aħwa Bellizzi bħal donnhom jippretendu li din il-kawża ma kellhiex issir kontrihom għaliex huma qatt ma aċċettaw il-wirt, l-ewwel sub inċiż tal-artikolu 860 jgħid ċar u tond illi r-rinunzja ma tistax tkun preżunta.

B'applikazzjoni tal-premess, jirriżulta li l-eċċepjenti għandhom raġun f'din l-eċċezzjoni tagħhom. Madanakollu, mid-digriet tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja) esebit fl-atti jirriżulta li huma fil-fatt irrinunzjaw għall-wirt ta' Giorgio Mifsud biss fit-12 ta' Marzu 2019 u ċioè ftit ġranet wara li ġew notifikati bir-rikors ġuramentat tal-attur nomine. Dan nonostante l-fatt illi din il-kawża kienet preċeduta b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Settembru 2018, li għaliha l-aħwa Bellizzi rrispondew iżda ma ddikjarawx li kien beħsiebhom jirrinunzjaw għall-wirt. Għalhekk, l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni għandhom ikunu a karigu tal-konvenuti aħwa Bellizzi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Jonathan u Tiziana Bellizzi u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, b'dan illi għandhom iħallsu l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

IMHALLEF

DEP/REG